# Qed nagħmlu Suċċess mis-sħubija

L-għodwa t-tajba lill kullħadd. U rrid ngħid kemm huwa ta' pjaċir għalija li dalgħodu qed nindirizzakom f'din il-konferenza importanti ħafna għal pajjizna. Jekk ikolli nelenka s-suċċess li Malta qed tkun kapaċi takkwista f'dawn il-ftit xhur li ilna membri ta' l-unjoni ewropea, naqsamhom fi tnejn. Għandek l-aspett finanzjarju u l-aspett politiku ta' l-Unjoni Ewropea.

**L-aspett finanzjarju**

Nahseb li dan l-aspett huwa l-aktar aspett li jolqot lillna direttament u dan għaliex permezz tiegħu aħna nkunu nistgħu mmissu b'idejna l-benefiċċji ta' l-unjoni ewropea. L-Unjoni Ewropea tħaddan poltika ta' solidarjeta' dik li tara li l-pajjiżi tagħha jkunu fi stat ta' livell ta' għixien tajjeb. Sa x'ħin il-pajjiżi jilħqu dan il-livell ikollhom l-għajnuna ta' pajjiżi oħra li fil-passat irċivew din l-għajnuna u illum jinsabu tant tajjeb li jistgħu jgħinu lil ħaddieħor. U dan qed isir magħna l-Maltin ukoll.

Bħala Għawdxi u ma jistax ikun li ma nħarix b'sodisfazzjoni lejn s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u bħali bla dubju ta' xejn l-Għawdxin kollha. Illum f' Għawdex bdejna imissu b'idejna xi tfisser l-Unjoni Ewropea. Insemmi biss l-10 fil-mija tal-fondi kollha li ħadet Malta, li Għawdex qed jibbenefika minnhom f'dan il-perijodu li jagħlaq fl-2006, li grazzi għal dawn il-fondi Għawdex diġa beda jibbenfika minn kostruzzjoni ta' toroq mill-ġdid, it-Triq mir-Rabat sa San Lawrenz, it-Triq tax-Xlendi u t-Triq mill-Imġarr sal-*heliport.* Apparti dawn hemm proġetti li jgħinu fil-ħolqien ta' investimenti ġodda f' Għawdex bħal ma huma il-proġett ta' l-ITS, il-proġett tal-*Crafts Incubation Centre,* il-proġett tad- decompressions chamber u l-għarqa ta' vapur f' Għawdex, dan sabiex tingħata spinta qawwija lis-settur turistiku f' Għawdex speċjalment id-*diving* li huwa settur importanti ħafna għal gżira tagħna. Qed jiġu nvestiti wkoll fondi sabiex is-settur tan-negozju speċjalment dawk żagħar u medji jkomplu jimxu 'l quddiem anke fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika. Grazzi għal dawn il-fondi Għawdex qed ikompli jagħraf il-vokazzjoni tiegħu fil-qasam tas-servizzi, li huwa u ser ikun l-investiment l-għixien tal-futur tal-gżira tagħna.

Apparti dawn l-10% tajjeb li nfakkar li aħna bħala Għawdex qed inkomplu nibbenfikaw minn kull skema offerta fuq bażi nazzjonali, kemm fit-turiżmu, fil-qasam ta' l-agrikultura, l-Malta Enterprise, Malta Industrial Parks, MCAST u oħrajn.

Jien ġej ukoll mis-settur tal-Kunsilli Lokali u ma nistax hawn hekk ma nirrimarkax l-benefiċċji li qed nieħdu aħna l-Kunsilli Lokali. Huma diversi dawk il-Kunsill kemm f' Malta u kif ukoll f'Għawdex li qed jibbenifikaw, minn fondi strutturali kbar bħal ma huma dawk ta' l-Imġarr Malta, Mosta, l-Għarb u anke l-Kunsill tiegħi ta' San Lawrenz bil-fondi ġejjin mill-proġett LIFE għall-bajja tad-Dwejra. Apparti fondi strutturali hemm ukoll fondi oħrajn ta' edukazzjoni, li huma ħafna dawk l-istudenti u żgħażagħ li qed jibbenfikaw minnhom. Ippermettuli nerġa insemmi l-eżempju tal-Kunsill Lokali tiegħi li f'dawn l-aħħar sentejn ħdmina fuq strateġija edukattiva bil-fondi ta' l-Unjoni permezz tal-proġett YOUTH. Grazzi għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, irnexxielna nagħtu opportunita' lill kull żagħżugħ u żagħżuha minn San Lawrenz li għall xi żmien jgħixu flimkien ma żgħażagħ oħra mill-Unjoni Ewropea u jiddiskutu temi relatati, din qed tkun esperjenza pożittiva ħafna għaż-żagħażagħ għax kull ma jmur qed jiftħu aktar l-orizzonti tagħhom f'kull qasam li toffri d-dinja tal-lum.

**L-aspett Politiku**

Ma inhiex ser intawwal ħafna għaliex il-ħin tagħna huwa limitat u tajjeb li nisimgħu aktar veduti biex nifhmu aktar is-suċċess li qed nagħmlu. Pero dan huwa qasam importanti ħafna għaliex jagħti risposta lil dawk li beżżawna mill-Unjoni Ewropea qabel ir-referendum meta kienu jgħidu li aħna zgħar u ser ninbelgħu. Il-ħidma politika li qed iwettqu dawk kollha li jirrappreżentaw lill-Malta fl-istituzzjonijiet diversi qed tħalli l-frott u dan ifisser li dawn qed jagħmlu xogħolhom tajjeb. Nibda biex insemmi s-somma kbira li l-Gvern Malti permezz tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi, kien kapaċi jakkwista għall-perijodu 2007-2013, din hija l-akbar prova tal-ħidma effettiva li qed iwettaq il-Gvern Malti.

Prova oħra tas-suċċess fl-aspett politiku hija bla dubju ta' xejn is-sehem qawwi u effettiv tad-delgazzjonijiet Maltin fl-istituzzjonijiet li jirrappreżentaw. Ibda mill-Parlament Ewropew u spiċċa fil-Kumitat tar-Reġjuni. Jekk tippermettuli b'umilta kbira ngħid is-sodisfazzjon li ħassejt meta ġejt nominat sabiex inservi Viċi President tal-Group Popolari Ewropew tal-Kumitat tar-Reġjuni, dan mhux akwist għalija biss

pero huwa akkwist akbar għal Malta kollha għaliex dan ifisser li Malta tfisser ħafna fl-Unjoni Ewropea u l-vuċi tagħna ser ikollha aktar sens u aktar qawwa fid-deċiżjonijiet politiċi li jittieħdu.

Biex nagħlaq tajjeb li nirrikonoxxu kemm kienet deċiżjoni tajba dik li nissieħbu membri sħaħ ta' l-Unjoni Ewropea. Dan huwa biss il-bidu u diġa qed naraw il-frott. J'alla din il-ħidma li qed inwettqu llum isservi sabiex fil-futur qarib aħna nkunu lħaqna livelli għoljin ħafna u nkunu f'pożizzjoni li qed nikontribwixxu sabiex pajjiżi oħra li daħħlu warajna jew magħna jilħqu s-suċċess li qed niksbu aħna llum.

Noel Formosa
18 ta' Marzu 2006